**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Lulju, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 161/2024 AF**

**Dr. Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Oddschecker Cyan Blue Odds Ltd (UK Company Number 1919)**

**vs**

**Rush Gaming Ltd, socjetà Maltija bl-indirizz 119, Sliema Road, Gzira GZR 1635 u bil-licenzja MGA/B2C/701/2019**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-atturi Dr. Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Oddschecker Cyan Blue Odds Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-Soċjetà rikorrenti iffirmat Partner Agreement iddatat l-Għoxrin ta' Marzu, 2019 (20/03/2019) mal-kumpanija Fansbet Ltd (Malta) (C 81028), ftehim anness u 'mmarkat bħala (Dok A)', liema ftehim kien jipprovdi servizzi promozzjonali onlajn fuq il-'free bets' page tal-prodotti Oddschecker kif ukoll ħolqa tal-web site www.fansbet.com.;

Tramite il-Ftehim imsemmi fis-suespost is-Soċjetà rikorrenti kienet ukoll takkwista klijenti fl-istess settur tramite il-website https://www.fansbetaffiliates.com/terms-conditions/.

Waħda mill-klijenti tas-Soċjetà attriċi li ġiet ingaġġata tramite il-website www.fansbet.com kienet is-Soċjetà Intimata hekk kif jidher mill-Affiliate Agreement, liema Ftehim huwa anness u 'mmarkat bħala (Dok. B).

Bħala parti minn dan is-servizz onlajn mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata, mit-28 ta' Marzu, 2022 sal-10 ta' Novembru, 2022 inħarġu total ta' disgħa (09) fatturi lis-soċjetà intimata li b'kollox kienu jammontaw għal tlett elef lira sterlina (GBP3,000) u ħamsa u għoxrin elf, erba' mija u dsatax-il ewro (€25,419.29) hekk kif inhu indikat mill-fatturi annessi u 'mmarkati bħala (Dok B1 – Dok B 10)'.

L-ebda mill-fatturi indikati fis-suespost ma tħallas u għalhekk is-somma globali dovuta mis-socjetà intimata lis-socjetà rikorrenti tammonta ghal tlett elef lira sterlina (GBP3,000) u ħamsa u għoxrin elf, erba' mija u dsatax-il ewro (€25,419.29).

Ghalhekk is-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà rikorrenti fis-somma ta' tlett elef lira sterlina (GBP3,000) u ħamsa u għoxrin elf, erba' mija u dsatax-il ewro (€25,419.29).

L-imsemmi ammont ta' tlett elef lira sterlina (GBP3,000) u ħamsa u għoxrin elf, erba' mija u dsatax-il ewro (€25,419.29) huwa dejn ċert, likwidu u li għalaq, u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt, mis-socjetà intimata lis-socjetà rikorrenti u ghalhekk fil-fehma tas-socjetà rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12, tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma thallasx mis-soċjetà konvenuta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Fl-umli fehma tas-socjetà rikorrenti, s-soċjetà intimata ma għandiex eċċezzjonijiet validi x'taghti ghat-talbiet tal-attrici.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi s-socjetà Rush Gaming Ltd hija debitrici tas-socjetà rikorrenti Soċjetà estera Oddschecker Cyan Blue Odds Ltd ghas-somma ta' tlett elef lira sterlina (GBP3,000) u ħamsa u għoxrin elf, erba' mija u dsatax-il ewro (€25,419.29).

3. Tikkundanna lis-socjetà Rush Gaming Ltd sabiex tħallas lis-socjetà rikorrenti Oddschecker Cyan Blue Odds Ltd is-somma ta' tlett elef lira sterlina (GBP3,000) illi jammontaw għal tlett elef, ħames mija u tmienja u għoxrin ewro (€3528) u sabiex tħallas ħamsa u għoxrin elf, erba' mija u dsatax-il ewro (€25,419.29) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kontra s-socjetà intimata li tibqa ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumneti annessi.

Rat li, minkejja li giet debitament notifikat, is-socjetà intimata ma nkarigat lil ebda rapprezentant taghha biex jidher fl-udjenza u lanqas ma ttentat tikkontesta l-kawza bl-ebda mod.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi s-socjetà rikorrenti rnexxielha tipprova li t-talbiet taghha huma gustifikati.  Gew prezentati mar-rikors guramentat iz-zewg ftehim li permezz taghhom gew rezi s-servizzi li taghha qieghed jintalab il-hlas, kif ukoll sensiela ta' fatturi mahruga lis-socjetà intimata u li baqghu bla ma thallsu.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ssib misthoqqa t-talbiet ta' Dr. Malcolm Mifsud fil-kwalità tieghu fuq imsemmija, u ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi s-socjetà Rush Gaming Ltd hija debitrici tas-socjetà rikorrenti Soċjetà estera Oddschecker Cyan Blue Odds Ltd ghas-somma ta' tlett elef lira sterlina (GBP3,000) u ħamsa u għoxrin elf, erba' mija u dsatax-il ewro (€25,419.29);

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Rush Gaming Limited thallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' tmienja u ghoxrin elf disa' mija u seba' u erbghin Ewro u disa' u ghoxrin centezmu (€28,947.29), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Rush Gaming Limited.

IMHALLEF

DEP/REG